



0003/2016

18.1.2016

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kaċċa għat-trofej

**Neena Gill (S&D), Catherine Bearder (ALDE), Sirpa Pietikäinen (PPE), Kathleen Van Brempt (S&D), Eva Kaili (S&D), Stefan Eck (GUE/NGL), Miriam Dalli (S&D), Seb Dance (S&D) Jonás Fernández (S&D), Victor Negrescu (S&D), Bart Staes (Verts/ALE), Igor Šoltes (Verts/ALE)**

Data ta' skadenza: 18.4.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-kaċċa għat-trofej<sup>1</sup>**

1. Id-dinja daħlet fis-sitt fażi tal-estinzjoni tal-massa, u l-animali issa qed imutu 100 darba iktar mir-rata normali. L-istimi tar-rata kurrenti ta' estinzjoni jibdew minn 500 sa 36 000 speċi fis-sena.
2. Din il-kriżi tal-estinzjoni hija kkawżata prinċipalment minn attivitajiet tal-bniedem. Il-kaċċa għat-trofej tikkontribwixxi għat-telf ta' speċijiet ikoniċi, u dikjarazzjonijiet li d-dħul mill-kaċċa għat-trofej huwa ta' benefiċċju għall-konservazzjoni u l-komunitajiet lokali ġew ikkonfutati mix-xjentisti.
3. L-UE hija sors kbir ta' kaċċaturi tat-trofej, u hija destinazzjoni frekwenti għat-trofej. Bejn l-2004 u l-2013, il fuq minn 27 000 trofej li joriġinaw mill-Afrika u l-Amerka kienu importati fl-Ewropa. Huwa ċar li r-regoli attwali huma insuffiċjenti u applikati b'mod mhux adegwat.
4. Għal permessi maħruġa, l-awtoritajiet iridu jstabilixxu li l-kaċċa mhijiex ta' ħsara għall-popolazzjonijiet ta' kwalunkwe waħda mill-ispeċi elenkati fl-Anness B għar-Regolamenti tal-UE dwar il-Kummerċ tal-Organiżmi Selvaġġi, u li minnha bbenefikat il-konservazzjoni tal-ispeċi elenkati fl-Anness A. Din rarament tiġi determinata b'mod adegwat.
5. Il-Kunsill u l-Kummissjoni huma mitluba jeżaminaw il-possibbiltà li jirrestrinġu l-importazzjonijiet tat-trofej kollha, biex tkun żgurata l-implimentazzjoni xierqa tar-regoli mill-Istati Membri, u biex jipperswadu pajjiżi li qegħdin joħorġu permessi lill-kaċċaturi tat-trofej mingħajr ma jqisu b'mod xieraq l-impatti tal-kaċċa għat-trofej fuq il-konservazzjoni u l-benesseri tal-animali biex ma jkomplux għaddejjin b'din il-prattika.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.